L-Għolja tad-Deheb u tat-Teżori

Ġorġ Pisani

(mill-ktieb "Għawdex Joħlom bil-Leġġendi" 1999)

Ftit bogħod mill-Gran Kastell, sabiħa u imponenti, tintrefa' l-Għolja ta' Gelmus, li dwarha l-Għawdxin, skont kif jassigurana De Soldanis, kienu minn dejjem iħarrfu ħafna. Dwar din l-Għolja sabiħa illi, billi tiġi qrib ħafna lejn il-Gran Kastell, minn dejjem kienet ikkunsidrata bħala theddida perikoluża għas-sigurtà tiegħu, hemm ħafna ħrejjef u ħafna leġġendi. Tant Abela kemm ukoll De Soldanis jassigurawna illi t-trab tagħha ta' lewn isfar inissel il-merkurju. De Soldanis jgħid illi dan t-trab, maħdum, jagħti d-deheb.

Iżda Abela jgħidilna illi saru xi esperimenti li minnhom irriżulta illi d-deheb jinsab fi kwantità żgħira ħafna mħallat ma' dan it-trab. Għaldaqstant, ma tantx jaqbel illi wieħed jaħli żmienu u flusu biex jagħżel din il-kwantità żgħira ta' deheb mill-materjal l-ieħor. Dan hu, għallinqas, dak li qalu dawn iż-żewġ storiċi dwar din l-Għolja gustuża. Iżda, l-iktar ħaġa sabiħa illi għandha din l-Għolja hija żgur il-leġġenda drammatika u kurjuża tagħha, il-leġġenda famuża u eterna tas-sejba tal-għoġol tad-deheb. In-nies tagħna jirrakkuntaw b'dan il-mod din il-leġġenda Għawdxija.

Taħt l-Għolja ta' Gelmus kien jgħix, flimkien ma' martu, wieħed bidwi. Qalb dan ir-raġel kienet għadha qisha qalb ta' tfajjel u, għalkemm imdaħħal fiż-żmien, ruħu kienet għadha ma ġiet xejn mittiefsa b'dak it-taħsir illi taf tagħti d-dinja.

Imma darba fir-ruħ safja u nadifa tiegħu daħal ħsieb ikrah li dennes u tabba' l-milja tal-paċi li kienet issaltan hemm ġew. Bniedem rgħibi resaq maġenbu u qallu, "Taf xejn illi l-Għolja ta' Gelmus fiha d-deheb? Inti li għandek ir-raba' tiegħek fuq dik l-Għolja ma jmissekx, kultant, tħaffer biex tara jekk għandekx il-ħila ssib xi kemxa deheb ġmielha? Kemm ser iddum taqla' l-basal, il-patata u l-pitravi? B'dawn ma tagħmilx flus. Mill-art għandek bżonn taqla' d-deheb. Id-deheb biss jagħmlek sinjur. Bid-deheb biss tgħix hieni u ma jkollok bżonn taħdem xejn."

It-Tieni Sena

Minn dakinhar Sidor, għaliex hekk kien jismu l-bidwi, ma setax isib paċi aktar. Ħalla x-xogħol tar-raba' u beda jħaffer minn filgħodu sa filgħaxija biex isib id-deheb. Iżda kollox kien għalxejn. Fl-aħħar qata' qalbu u kien diġà ser jerġa' jordom kollox meta ġiet xi ħaġa li mlietu bit-tama u, fl-istess ħin, bl-iskantament.

F'qiegħ l-art tfaċċat bħal ħaġa safra, tiddi u tlellex fid-dawl tax-xemx, illi minn kulurha u minn għamlitha kienet tidher żgur illi kienet, jekk mhux tad-deheb, għall-inqas ta' xi metall ieħor prezzjuż. Kompla jħaffer madwarha, issa b'ħila u b'kuraġġ wisq akbar minn qabel. Sakemm, bil-mod il-mod, dik il-ħaġa bdiet tikber iktar u tieħu s-sura. Kienet qarn ċkejken ta' bhima. U kompla jħaffer iktar. Mewġa ta' ferħ u eċitament fl-istess ħin bdiet tiġri ma' ġismu kollu. Bil-mod il-mod tfaċċat ukoll ras, ras ta' bhima lewn id-deheb. Sidor, għalhekk, ġabar il-forzi tiegħu kollha biex ikompli jikxef it-teżor u fl-istess ħin il-misteru.

U l-misteru ma damx ma nkixef. Wara li ħaffer ħofra kbira b'idejh madwar dak l-oġġett safrani, huwa beda jaqilgħu qajla qajla minn ġot-trab. Għajta ta' ferħ ħarbitlu minn sidru kif refgħu f'idejh, farfru ftit mill-ħamrija, u qagħad josservah fid-dawl tax-xemx. Ma kien hemm l-ebda dubju ta' xejn. Dak l-oġġett illi seraq minn ħdan il-ħamrija kien għoġol tad-deheb. Bil-ferħ ma kienx jaf fejn jibda jagħti rasu. Beda jiġri 'l hawn u 'l hinn qisu miġnun jaqbeż u jkanta bħal tarbija. Sa fl-aħħar, it-tama tiegħu seħħet. It-tbatija tiegħu ġiet imħallsa.

Imma wara li għaddew l-ewwel mumenti ta' ferħ u ta' eċitament, bdew resqin fuqu l-ħinijiet ta' ħsieb u ta' responsabbiltà. X'kien sejjer jagħmel huwa b'dak l-għoġol tad-deheb? Lil min kien ser jurih biex jgħidlu sew x'kien, kemm jiswa u x'għandu jagħmel bih? Ma' min kien sejjer jafda qalbu? U, jekk ma' min kien sejjer jafda ruħu, kellu jittradih u jmur jikxfu u jixlih mal-ħakkiema ta' dak iż-żmien! Barra dan, kien hemm ħwejjeġ oħra għaliex kellu jħabbel moħħu. Fejn kien sejjer jerfgħu issa dak l-għoġol tad-deheb? Id-dar ma kellu mkien fejn jaqflu u dawk l-inħawi kienu miżgħuda bil-ħallelin.

Dawn il-ħsibijiet tqal u tal-biża' bdew jiżnu fuqu. Sakemm, bil-mod il-mod, l-għaraq beda jxoqq għalih u ħass ruħu stordut u sejjer jistabat mal-art. Qagħad bilqiegħda biex jistrieħ ftit. Dak il-ħin ġielu ħsieb illi tah ftit u xejn ir-ruħ. Qam malajr mill-art, ħares madwaru biex jara kienx hemm xi ħadd qiegħed jarah, geżwru malajr ġo xkora u niżel jiġri bih minn fuq l-Għolja. Meta daħal id-dar,

huwa fetaħ l-ixkora u wrieh lil martu. Żabbetta, għaliex hekk kien jisimha martu, bdiet iċċapċap bil-ferħ. Iżda Sidor kien pront sikkitha u wissieha biex iżżomm kollox mistur. Xħin daħal il-lejl, Sidor reġa' tefa' l-għoġol tad-deheb ġewwa xkora u ħareġ bih mid-dar. Ftit wara huwa kien qiegħed iħabbat il-bieb tas-Sur Pupull, neguzjant tal-qoton u ħaġa waħda mal-Ħakem ta' dak iż-żmien. "X'ġiebek dal-ħin?" staqsieh is-Sur Pupull, malli rah dieħel f'daru jonfoħ bl-ixkora fuq spalltu. "X'ġiebek dal-ħin?"

Hawnhekk Sidor għamel qrara ġenerali mas-Sur Pupull u qallu b'dak kollu li għadda mingħalih fil-ġrajja tal-għoġol tad-deheb. Is-Sur Pupull, naturalment, ried jara dan l-oġġett misterjuż. Sidor, kollu sinċerità u tjubija, fetaħ l-ixkora u minnha ħareġ l-għoġol tad-deheb. Is-Sur Pupull qagħad jiflih sewwa għad-dawl tax-xemgħat jixegħlu fil-kandelabru tal-fidda. Kemm kien sabiħ dak il-ħin jiddi fid-dawl tax-xama'. Fuq moħħu kienu jilmaw tliet fosos tar-rubini u x-xogħol tiegħu kien jidher mill-ifjen.

Wara dan, is-Sur Pupull, li kien jaf jgħodd sal-għaxra, ħaseb biex jagħmel attakk qawwi fuq Sidor. "Sidor," qallu Pupull, filwaqt illi qarras wiċċu kemm seta', "hawnhekk għandek oġġett antik għall-aħħar, għandek idolu li kienu jaduraw il-pagani mijiet ta' snin ilu. Għandek tkun taf illi dan l-oġġett huwa tal-Gvern tal-gżira u jekk il-biċċa tasal f'widnejn il-Ħakem, inti tiġi fl-għali sewwa." Imbagħad, kompla jimlielu rasu u jbeżżgħu b'ħafna kliem u qlajjiet kif kien jaf jivvinta hu.

Sidor, saħħtu mitlufa minn dak li sema' mingħand is-Sur Pupull, talbu parir x'għandu jagħmel. "Ara," qallu s-Sur Pupull, "nagħmlu hekk. Kif taf int, jiena ħabib ħafna tal-Ħakem u għalhekk nista' niżgurak illi, jekk inti ma tgħidlix iva għal dak li ser ngħidlek, illejla stess il-Ħakem ikun jaf kollox u matul il-lejl jiġu l-iżbirri u jarrestawk. Mela jiena ser nagħtik tliet skudi u int iċċedili dan l-għoġol. Barra minn hekk, jekk ikollok bżonn xi ħaġa, jiena nirranġalek kollox mal-Ħakem." L-imsejken Sidor kellu jgħid iva u dak il-ħin stess ċedielu l-għoġol tad-deheb u telaq 'il barra.

Kif Sidor daħal id-dar wiċċu aħmar daqs skorfna, il-mara staqsietu x'kien ġralu u Sidor, bit-tielgħa u n-nieżla, kellu jgħidilha kollox. Żabbetta saret infern u għalxejn Sidor wissieha kemm-il darba illi, jekk toħroġilha xi kelma, isibu ruħhom

it-tnejn fil-frisk. Żabbetta, li ma kellhiex ħajta fi lsienha, marret għamlet frattarija sħiħa mal-ġirien fuq dak li ġara lil żewġha Sidor u fuq il-wiċċ tost tas-Sur Pupull. Bil-mod il-mod, kulħadd f'Għawdex beda jitkellem dwar din il-ġrajja, sakemm il-biċċa qasmet il-baħar u waslet f'widnejn il-Gran Mastru ta' Malta li kien iħobb id-deheb u jiddeletta mhux ftit bl-antikitajiet.

Il-Gran Mastru bagħat xi nies minn tiegħu hawn Għawdex sabiex jistħarrġu l-għajdut. Il-Ħakem, ħabib ta' ġewwa tas-Sur Pupull ipprova jgħatti l-biċċa mill-aħjar li seta' u n-nies tal-Gran Mastru reġgħu telqu lejn Malta mingħajr ma kisbu xejn fis-sod. Iżda l-għajdut, ix-xnigħat baqgħu sejrin Malta bla ma jaqtgħu u għalhekk il-Gran Mastru deherlu li kellu jiġi hu stess sabiex jara b'għajnejh u jmiss b'idejh. Il-Gran Mastru ttenda li l-Ħakem ma kellux idejh indaf għal kollox f'din l-affari, għalhekk fittex li jwarrbu min-nofs. Sidor u Żabbetta, fix-xieda tagħhom, stqarru kollox bla ma qagħdu jaħbu xejn; iżda s-Sur Pupull ċaħad kollox u qal li f'din il-biċċa huwa ma kien bl-ebda mod imdaħħal.

Il-Gran Mastru wissieh kemm-il darba sabiex jgħid is-sewwa għaliex huwa kien żgur li kien qiegħed jgħattilu kollox. Iżda kien kollu għażiq fl-ilma, is-Sur Pupull ma sata' jċedi b'xejn. B'ma nafx beda u b'ma nafx spiċċa. Minn din l-istħarriġa li għamel, il-Gran Mastru sar jaf illi l-għoġol tad-deheb kien jinsab għand is-Sur Pupull moħbi xi mkien. Għalhekk huwa kkmanda illi ssir tiftixa ġenerali mal-gżira kollha, iżda kollox kien għalxejn. Is-Sur Pupull biss kien jaf fejn hu moħbi l-għoġol tad-deheb. Biex iħalli ftit taż-żmien jgħaddi, il-Gran Mastru telaq lejn Malta u raqqad il-biċċa.

Iżda wara xi xahar, huwa bagħat jgħid lis-Sur Pupull biex jaqbeż qabża sa Malta għaliex kellu bżonn ikellmu. Is-Sur Pupull kellu jmur Malta bilfors u, malli wasal, sab ruħu mdawwar bl-iżbirri li karkruh dritt quddiem il-Gran Mastru. Il-Gran Mastru wrieh ċar u tond illi issa huwa kellu f'idejh il-provi kollha illi l-għoġol tad-deheb jinsab moħbi għandu u jkun wisq aħjar għalih illi jammetti u jgħid kollox. Is-Sur Pupull, quddiem il-provi li ġieblu l-Gran Mastru ma setax jostor iktar l-affari u għalhekk kellu jistqarr illi l-għoġol tad-deheb kien jinsab tabilħaqq moħbi għandu.

Wara dan, il-Gran Mastru staqsieh jekk kienx jaf illi l-għoġol tad-deheb huwa proprjetà tal-Gvern ta' dawn il-gżejjer u illi, għalhekk, kien dmir sagrosant tiegħu

illi jitilqu mill-aktar fis f'idejn l-awtoritajiet. Iżda s-Sur Pupull baqa' jħaqqaq u jgħid illi l-għoġol kien tiegħu għaliex huwa kien xtrah bil-flus u li għalhekk ħadd ma kellu l-iċken jedd fuqu. Kif sema' dan, il-Gran Mastru ordna illi s-Sur Pupull jittieħed il-ħabs u jibqa' magħluq hemm ġew sakemm jiddeċiedi illi jikxef il-post fejn jinsab moħbi għandu l-għoġol tad-deheb. L-ordni tal-Gran Mastru twettqet minnufih u s-Sur Pupull, minflok li reġa' lura Għawdex, sab ruħu magħluq taħt l-art ġewwa l-ħabs ta' Sant'Anġlu.

Għaddew il-ġranet u l-ġimgħat u l-imsejken Pupull baqa' dejjem magħluq ġewwa d-dlam ta' Sant'Anġlu. Fl-aħħar, il-Gran Mastru reġa' sejjaħlu quddiemu u staqsieh jekk kienx biddel fehmtu u jekk issa kienx lest biex jikxef il-post tal-moħba prezzjuża tiegħu. Is-Sur Pupull għaddas rasu u baqa' jgħid le. Allura reġa' ttieħed il-ħabs u minn dakinhar bdew jagħtuh is-swat tliet darbiet kuljum, kif kienet titlob il-liġi ta' dak iż-żmien, sakemm irattab rasu u jikxef il-post tal-moħba lill-Gran Mastru.

Iżda, bejn id-dlam u l-umdità tal-ħabs u bejn il-ħruxija tas-swat tal-iżbirri, is-Sur Pupull, minflok ma rattab rasu, rattab aktarx saħħtu u beda sejjer lura bil-heden. Kultant kienu jidħlu fejnu jistaqsuh jekk iridx jgħid xi ħaġa lill-Gran Mastru, iżda s-Sur Pupull, anki taħt dik it-tbatija kollha, baqa' jgħid dejjem le u le. U le baqa' anki jgħid meta ttieħed l-isptar għajjien u marid għall-aħħar. Sakemm, għodwa waħda, il-Gran Mastru rċieva l-aħbar ħażina illi s-Sur Pupull miet għal għarrieda. U b'dan il-mod, is-sigriet tal-moħba tiegħu baqa' nieżel miegħu fil-qabar.

Din hija l-leġġenda Għawdxija tal-għoġol tad-deheb, il-leġġenda eterna illi mliet u għadha timla bit-tama lill-qalb ta' kemm-il Għawdxi li għad jorqod fqir u jqum sinjur billi jiltaqa' xi darba mal-moħba prezzjuża tas-Sur Pupull.